

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) NRU 213/2012

tat-13 ta' Marzu 2012

**li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1375/2011 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħi,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1375/2011 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu<sup>(2)</sup>, li jistabbilixxi lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(2) Il-Kunsill iddetermina li m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni jinżammu fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(3) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-persuni elenkti fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet stabbilita fl-Anness għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1375/2011.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. VESTAGER

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.<sup>(2)</sup> ĠU L 343, 23.12.2011, p. 10.

## ANNESS

**Lista ta' persuni msemija fl-Artikolu 1**

1. ABOU, Rabah Naami (lista numru 2)
  2. ABOUD, Maisi (lista numru 3)
  3. ARIOUA, Kamel (lista numru 7)
  4. ASLI, Mohamed (lista numru 8)
  5. ASLI, Rabah (lista numru 9)
  6. DARIB, Noureddine (lista numru 11)
  7. DJABALI, Abderrahmane (lista numru 12)
  8. MOKTARI, Fateh (lista numru 16)
  9. NOUARA, Farid (lista numru 17)
  10. RESSOUS, Hoari (lista numru 18)
  11. SEDKAOUI, Noureddine (lista numru 19)
  12. SELMANI, Abdelghani (lista numru 20)
  13. SENOUCI, Sofiane (lista numru 21)
  14. TINGUALI, Mohammed (lista numru 25)
-